"THE LAST FIVE YEARS"

Il-*musical* rebbieħ ta' diversi premjijiet fl-Amerika, se jittella' għall-ewwel darba f'pajjiżna bi produzzjoni tal-Masquerade Theatre Company

DANIEL BARTOLO / dbartolo@unionprint.com.mt

Il-Masquerade Theatre Company għadha kif ħabbret li se ttella' produzzjoni tal-*musical* ta' Jason Robert Brown, "The Last Five Years". Dan il-*musical* li ġie nominat u rebaħ diversi premjijiet fl-Amerka, se jkun taħt id-direzzjoni ta' Anthony Bezzina, b'Rachel Fabri Camilleri u Joseph Zammit fir-rwoli prinċipali.

Miktub mill-kompożitur Jason Robert Brown, li hu rebbieġħ ta' żewġ "Tony Award", "The Last Five Years" jirrakkonta l-istorja ta' Cathy, attriċi li qiegħda tipprova tibda l-karriera tagħha u Jamie, kittieb li għadu qed jirnexxi. Waqt il-'musical', Cathy tgħidilna l-istorja tagħha u ta' Jamie mit-tmiem sal-bidu, filwaqt li Jamie jgħidilna l-parti tiegħu b'mod kronoloġiku. Iż-żewġ karattri jintaqgħu darba biss waqt l-'musical' kollu, filgurnata tat-tieġ tagħhom.

"The Last Five Years" kien sar għall-ewwel darba fin-Northlight Theatre ta' Chicago fl-2001. Minn dak iż-żmien 'l hawn, produzzjonijiet ta' dan il-*musical* saru fil-Korea, il-Ġappun, il-Filippini, il-Ġermanja, l-Italja, il-Kanada, Spanja, l-Afrika t'Isfel, l-Ingilterra u f'diversi postijiet madwar l-Amerika ta' Fuq u issa anke f'Malta.

Lokalment, il-produzzjoni se tkun minn Anthony Bezzina, li m'ilhux ipproduċa d-dramm "One Flew Over the Cuckoo's Nest" fit-Teatru Manoel. "The Last Five Years" se tinkludi wkoll banda magħmula minn sitt mużiċisti, bl-arranġamenti mużikali u direzzjoni f'idejn Jonathan Ellul. Cathy Lawlor hija d-direttriċi vokali tal-produzzjoni, filwaqt li d-dižinjatur Taljan Aldo Moretti se jikrea l-palk.

Il-biljetti għal "The Last Five Years", li se jsir fil-Blue Box, M Space, l-Imsida, bejn l-20 u t-23 u bejn is-27 u d-29 ta' Novembru, jistgħu jinxtraw minn htttp://bluebox.azurewebsites.net/. Biljetti għall-ewwel 'weekend' jiswew €18, u dawk għat-tieni 'weekend' bejn €20 u €25. Għal aktar informazzjoni dwar il-produzzjoni idħlu fis-sit www.masqueradematla.com.

L-Imdina Biennali tilqa' xogħlijiet rari ta' Dario Fo



Il-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina, li se tkun qawmien mill-ġdid ta' wirjiet ta' qabel bit-tema Kristjanità, Spiritwalità u d-Diversità, din iddarba sponsorjata mill-Bank APS bħala sieħeb ewlieni, se tippreżenta lill-qasam tal-arti f'pajjiżna b'metodi ġodda b'ismijiet ta' fama internazzjonali f'dak li hu viżwal u arti.

Attrazzjoni speċjali tal-Biennali se tkun kollezzjoni privata tad-drammatur magħruf Taljan u rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura Dario Fo, li bħalissa qed tinżamm minn Dr Giuseppe Schembri-Bonaci li hu d-direttur artistiku tal-ewwel edizzjoni tal-verżjoni l-ġdida tal-Imdina Biennali.

Grazzi għall-ħbiberija li ilhom igawdu Schembri-Bonaci u Fo, il-viżitaturi tal-Biennali se jkunu jistgħu jaraw mill-qrib u b'mod personali l-aqwa xogħlijiet u d-diversi aspetti ta' dan l-artist kbir li twieled fl-1926 – li t-talent tiegħu jvarja u jinbidel f'diversi stadji skont il-burdata tiegħu, minn kitbiet ta' drammi, għal attur, direttur, pittur u wkoll xi drabi opinjonist kotroversjali li qatt ma jiddejjaq jgħid dak li jħoss.

Il-Biennali tal-Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina se tkun qed tiġi ppreżentata f'diversi postijiet storiċi fl-Imdina, bl-attrazzjoni ewlenija ffokata fuq il-Katidral ta' San Pawl, bejn it-13 ta' Novembru u s-7 ta' Jannar.

Għal dawk li huma familjari, jew ukoll dawk li huma inqas familjari, l-attrazzjoni ta' Fo se tippreżenta aspetti interessanti tat-talent ta' dan il-personalità bħala pittur, illustratur u artist satiriku permezz tal-marka personali tiegħu fuq il-pittura stampata. Huma ftit in-nies li jafu tassew li Fo, qabel ma skopra l-vokazzjoni tiegħu għatteatru u l-letteratura, temm l-istudji tiegħu b'suċċess kbir fl-Akkademja ta' Brera u l-Politecnico di Milano.

Il-verżjoni b'ħajja ġdida tal-Biennali żgur se tkun waħda mill-aktar okkażjonijiet importanti f'Malta biex toħloq pjattaforma għal skambji kulturali bejn il-pubbliku u artisti differenti rikonoxxuti internazzjonalment minn diversi pajjiżi, bi sfond u ambjent kulturali u artistiku differenti.

Grazzi għall-ħbiberija soda u fit-tul ma' Dr Schembri-Bonaci, Fo aċċetta li jipparteċipa fil-Biennali b'27 pittura li għadda personalment lid-direttur artistiku, b'uħud minnhom ukoll b'nota personali. Dawn ix-xogħlijiet jintegraw perfettament mattema suġġerita tal-ispiritwalità għall-Biennali. Dawn ix-xogħlijiet saru fuq perjodu ta' kważi 30 sena, fis-snin li matulhom kienu qed jinħadmu ħafna mix-xogħlijiet famużi tiegħu fil-letteratura u s-satira politika.

Dr Schembri-Bonaci studja kif ukoll ħadem ma' Fo u l-mara tiegħu Franca Rame. Fil-fatt, hu wkoll ittraduċa u ddirieġa bil-Malti, il-Mistero Buffo. Il-produzzjoni talverżjoni bl-għana tal-istess Mistero Buffo, ittellgħet ma' Karmenu l-Baħri. Dr Schembri-Bonaci ddirieġa numru mhux żgħir ta' xogħlijiet ta' Fo fit-Teatru ta' Simonov, f'Moska.

Fo jibqa' dejjem imfakkar għall-abbiltà qawwija tiegħu li jxerred il-kultura u t-talent sa minn twelidu bħala wieħed li jirrakkonta l-istejjer b'mod straordinarju biex jgħin lin-nies jifhmu l-ismijiet ta' personalitajiet kbar filletteratura u l-arti Taljana, bħal Michelangelo u Giotto. Ir-ritratt li jagħti hu ta' dawn il-personalitajiet kbar hu tant ċar u preċiż, u kontemporanju, li jippreżentahom b'mod jiera nkredibbli mfissra b'mod uman u mill-qrib daqslikieku għadhom ħajjin illum. L-abbiltà tiegħu li jirrakkonta, 'il bogħod mill-istil tipiku bombastiku, kien issigriet għas-suċċess tiegħu. L-istess stil u interess jikkaratterizzaw il-pitturi u t-tpinġijiet tiegħu.

Għal aktar informazzjoni dwar l-Imdina Biennali, wieħed jistja' jżur is-sit mdinabiennale.org.

It-tieni kunċert tal-istaġun tal-MCI

L-Istitut Kulturali Malti (MCI) se jippreżenta t-tieni kunċert tiegħu għall-istaġun 2015/6, illum il-Ħadd, 8 ta' Novembru, 2015, fis-7.00 p.m., fil-Le Meridien Hotel & Spa f'San Ġiljan.

Il-kunċert se jippreżenta lill-Orkestra tal-Malta University Junior College, taħt id-direzzjoni ta' Mro Manoel Pirotta. Il-programm se jkun jinkludi mużika klassika, "Da Camera" u moderna għal vuċijiet u strumenti solisti, pjanu u orkestra. L-artista Mary C. Xuereb se tesibixxi xi pitturi tagħha fuq it-tema "Lura lejn il-Klassiku".

Kulħadd hu mistieden għal dan il-kunċert. Filbieb tkun mitluba u apprezzata donazzjoni żgħira biex tkopri ftit mill-ispejjez ta' dan il-kunċert.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi wieħed iċempel lid-Direttur tal-MCI fuq 21338923 u 9980 0409 jew b'imejl fuq maltacultinst@gmail.com.